**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 191/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Peter Paul Aquilina**

Illum, 27 ta' Ottubru 2023

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Peter Paul Aquilina, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 319160M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-13 t'Awwissu 2021, għall-ħabta ta' 18:00hrs ġewwa l-inħawi magħrufa bħala Ta' Majru, L/O Siġġiewi, Malta, bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, u ċioe ċertu Emanuel Farrugia, għamel vjolazzjoni kontra l-propjeta' ta' ħaddieħor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Mejju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 340(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' mitt Ewro u ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat Ordni ta' Protezzjoni favur ta' Emanuel Farrugia għal zmien sena mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant Peter Paul Aquilina, ippreżentat fit-22 ta' Mejju 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirrevoka u tbiddel is-sentenza mogħtija mill-Onor. Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi fil-konfront tiegħu fil-5 ta' Mejju 2023 billi tiddikjarah mhux ħati tal-akkużi dedotti kontrih.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata il-25 ta' Lulju 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant iressaq aggravju uniku dirett lejn is-sentenza appellata fejn jilmenta illi mill-provi prodotti, huwa ma seta' qatt jinstab ħati tar-reat lilu addebitat, u dana għaliex ma tressqet ebda prova mill-Prosekuzzjoni illi l-parti offiża filfatt kellu xi titolu fuq l-art in kwistjoni fil-jum indikat fiċ-ċitazzjoni.

Illi sabiex tindirizza l-ilment tal-appellant, il-Qorti eżaminat l-atti tal-kawża minn fejn irriżultalHa illi nhar is-16 t'Awwissu 2021, Emanuel Farrugia għamel rapport lill-Pulizija fejn oġġezzjona għal fatt illi l-appellant kien qed jidħol fl-għalqa tiegħu imsejħa "Ta'Majru", limiti tas-Siġġiewi, mingħajr ebda permess. Meta xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti, Farrugia stqarr li l-għalqa in kwistjoni kienet ilha għandu tnax-il sena taħt titolu lokatizju billi kien hu li jħallas il-qbiela għalkemm l-appellant kien jaħdimha, u dana mingħajr il-kunsens tiegħu. Farrugia xehed ukoll li filfatt l-appellant kien ilu jaħdem din l-għalqa għal ħdax-il sena, f'liema perijodu ma kienx iħallih jaħdimha huwa stess. Fl-aħħar tax-xiehda tiegħu, madanakollu, jikkjarifika li l-għalqa in kwistjoni hija filfatt propjeta' ta' l-Awtorita' tal-Artijiet u qegħdha bi qbiela fuq ismu.

Illi, l-appellant ġie akkuzat bir-reat imfassal fl-Artikolu 340(d) tal-Kodiċi Kriminali, liema dispozizzjoni tal-liġi jiddisponi:–

> **Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-proprjetà, kull min –**
> **...**
> **(d) bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, jagħmel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band'oħra f'dan il-Kodiċi. (enfazi tal-Qorti)**

Illi sabiex ikun hemm sejbien ta' ħtija għal din l-kontravvenzjoni irid jiġi ppruvat, lil 'hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, li saret vjolazzjoni kontra l-propjeta' ta' ħaddieħor, liema vjolazzjoni kkaġunat ħsara **lis-sid jew id-detentur** ta' l-istess. Illi allura dak li kien jenħtieġlu jipprova qabel xejn il-parti offiża kienet illi huwa sid u/jew detentur ta' l-għalqa mertu ta' dawn il-proċeduri.

Illi, l-parti offiża jikkontendi illi huwa jgawdi titolu ta' qbiela fuq l-għalqa Ta' Majru, limiti tas-Siġġiewi. Madanakollu mill-provi akkwisti jidher li dan it-titolu kien lilu konċess mill-Awtorita' tal-Artijiet għall-perijodu bejn il-15 ta' Awwissu 2010 sal-14 ta' Awwissu 2011, wara liema żmien dan it-titolu ta' qbiela kien revokat billi fil-fehma tal-Awtorita', Farrugia ma kienx intitolat jiret il-kirja minn għand il-kuġin ta' missieru Angelo Azzopardi, u għalhekk inħareġ Ordni ta' Żgumbrament mill-Uffiċċju Konġunt fl-24 ta' Frar 2012, bil-kwerelant jattakka l-ħruġ ta' dan l-Ordni b'suċċess permezz ta'proċeduri kostituzzjonali u konvenzjonali deċiżi fit-13 ta' Lulju 2018. Ma hemmx provi dwar x'ġara wara din is-sentenza u allura jekk il-parti offiża baqax igawdi mit-titolu ta' qbiela mgħoddi lilu mill-inkwilini oriġinali, u jekk il-Kummissarju tal-Artijiet baqax jikkontesta l-validita ta' dan it-titolu. Għaldaqstant, hija għall-kollox mankanti l-prova li nhar it-13 t'Awwissu 2021, u ċioe' fid-data ndikata fiċ-ċitazzjoni, il-parti offiża kellu xi forma ta' titolu fuq l-imsemmija għalqa, u/jew kienx id-detentur ta'l-istess. Dan għaliex jidher illi l-appellant żgur illi ilu jaħdem din ir-raba u jieħu l-prodott minnha għal dawn l-aħħar ħdax-il sena, kif jiddikjara Farrugia stess fix-xiehda tiegħu, għalkemm dan tal-aħħar ilu jipprova jiżgumbrah tul dawn is-snin, mingħajr suċċess.

Illi f'dan il-kwadru probatorju l-Qorti hija tal-fehma illi kemm il-Prosekuzjoni kif ukoll il-parti offiża naqqsu milli jippruvaw il-każ tagħhom lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. Dan meta naqsu milli jressqu lil rappreżentant ta' l-Awtorita' tal-Artijiet sabiex jikkonferma *o meno* l-eżistenza ta' dan it-titolu favur il-parti offiża, jekk hux qiegħed jiġi kkontestat u allura jekk inħariġx xi Ordni ta' Żgumbrament ieħor kontra tiegħu, għalkemm Farrugia fix-xiehda tiegħu jaċċenna għal fatt illi hemm xi proċeduri għaddejjin fil-Qorti mingħajr iżda ma jindika x'inhi n-natura tagħhom u quddiem liema qorti jew tribunal dan it-titolu qed jiġi minnu vantat. Għalhekk, dina l-Qorti hija tal-fehma li abbażi tal-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, l-istess ma setgħet qatt, legalment u raġonevolment, tasal għall-deċizjoni ta' ħtija fil-konfront tal-appellant fir-rigward l-unika imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, u dan għaliex hija mankanti il-prova li l-parti offiża huwa s-sid jew id-detentur ta' din ir-raba'.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost, tgħaddi għalhekk sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull ħtija u piena, u dan mingħajr ħsara għal kwalunkwe drittijiet ta' natura ċivili spettanti lil partijiet.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**